Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tal-11 ta' Mejju 2010 – Wessang vs UASI – Greinwald (star foods)

(Kawża T-492/08)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva star foods — Trade marks Komunitarji verbali u figurattivi preċedenti STAR SNACKS — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 19, 59, 60)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tas-17 ta' Settembru 2008 (Każ R 1408/2007-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Nicolas Wessang u Greinwald GmbH.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant tat-trade mark Komunitarja:	Greinwald GmbH
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark figurattiva star foods għal prodotti u servizzi tal-klassijiet 29, 30 u 32 – Applikazzjoni Nru 4105615
Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Nicolas Wessang

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Trade marks figurattivi u verbali Komunitarji STAR SNACKS għal prodotti fil-klassijiet 29, 30 u 31
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni milqugħa
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell::	Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni annullata u oppożizzjoni miċħuda

Dispożittiv

1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tat-17 ta' Settembru 2008 (Każ R 1408/2007-4), hija annullata.

2) Greinwald GmbH għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll terz tal-ispejjeż ta' Nicolas Wessang.

3) N. Wessang għandu jbati żewġ terzi tal-ispejjeż tiegħu.

4) L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Mejju 2010 – Reagens vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-30/10 R)

"Proċeduri għal miżuri provviżorji — Kompetizzjoni — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi multa — Garanzija bankarja — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Dannu finanzjarju — Nuqqas ta' ċirkustanzi eċċezzjonali — Nuqqas ta' urġenza"